MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1994/2002

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Francis Vassallo u l-istess Francis Vassallo u b'Nota tal-24 ta' Mejju, 2004 Elmo Insurance Limited qed tassumi l-atti minflok Elmo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Ruben Micallef**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ta' l-atturi li talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm372.45c) rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra li l-konvenut ikkontesta t-talba billi qal li ma kienx responsabbli ghall-incident u li l-ammont pretiz huwa esagerat.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-attur qal li l-konvenut gie minn warajh, habat mieghu u kompla sejjer.

Skond ir-*Road Accident Report* il-konvenut qal:

"Kont ghaddej min-naha ta' Targa Gap sejjer lejn id-direzzjoni tar-Rabat u f'daqqa wahda vettura numru FVM 111 hargitli minn xi drive aktar 'il fuq, qlajt 'il barra biex naqilghu, ma qlajtx bizzejjed u gbidt il-genb."

Illi skond l-istess Rapport l-attur qal:

"Kont ghaddej min-naha ta' Targa Gap sejjer lejn id-direzzjoni tar-Rabat fuq is-side tieghi u f'daqqa wahda smajt hoss ta' vlegga u mbaghad il-hoss tad-daqqa. Mistoqsi jekk qabel ma saret il-habta hareg minn go xi drive aktar 'il fuq Vassallo qal li le ghax hu kien ghaddej dritt."

Ra li l-konvenut naqas li jixhed f'din il-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi l-verzjoni ta' l-attur ikkonfermata minnu lill-pulizija ezatt wara l-incident, hija kredibbli. Illi l-konvenut kellu jipprova li l-attur hareg minn *drive* u naqas li jgib provi dwar din l-allegazzjoni.

Illi d-danni gew ikkonfermati u gew esebiti l-ircevuti li jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident, jichad ir-Risposta tal-konvenut

u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta’ tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm372.45c) bl-imghax mill-11 ta’ Lulju, 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------